MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 3/2001/1

Seduta tat-30 ta' Lulju 2003

Rikors numru 3/2001

Joseph u Mary Ann konjugi Attard

-vs-

Emmanuel Cini

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi permezz ta' rikors numru 3/94 fl-ismijiet "Eucharistico Cini vs Mario Grech noe", l-awtur fit-titolu ta' l-intimat wara li ppremetta illi huwa proprjetarju tat-terran minghajr numru konsistenti f'zewgt ikmamar u bitha zghira li jinsab fi Qbajjar Road, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex konfinanti mil-lvant ma' beni ohra ta' l-istess rikorrenti Cini, mill-punent ma' beni ta' Luigia Saliba jew l-aventi kawza

taghha u tramuntana ma' Qbajjar Road, liema fond kien mikri lir-rikorrenti odjerni versu l-kera ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fis-sena li kienu jithallsu kull sena u b'lura fl-1 ta' Awissu talab ir-ripresa ta' l-istess fond minghand ir-rikorrenti odjerni billi skond hu kellu bzonn il-fond ghall-uzu tieghu u ta' uliedu Charlie u Emmanuel Cini;

Illi b'decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna tal-25 ta' Frar 1997 il-Bord laqa' t-talba ta' l-itimat odjern li fil-mori tar-rikors kien akkwista l-proprjeta' tal-fond de quo u kien assuma l-atti tar-rikors f'ismu, ghar-raguni li l-Bord kien sodisfatt li l-intimat odjern ghandu bzonn l-istess fond ghall-uzu personali tieghu biex jabita fih wara li jizzewweg, liema decizjoni ta' dan il-Brod kienet giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza tas-7 ta' Mejju 1998.

Illi l-intimat kien irnexxielu jiehu decizjoni favorevoli u jiehu lura f'idejh dan il-fond minhabba dikjarazzjoni falza maghmula minnu fix-xhieda tieghu li billi ser jizzewweg huwa ried dan il-fond biex jirrangah u jmur jabita fih bhala residenza ordinarja tieghu, liema fond l-intimat minkejja li zzewweg, qatt ma baqa' mar jghix fih u sa minn meta zzewweg fis-7 ta' Awissu 1999, 'il hawn ir-residenza ordinarja tieghu kien f'appartament internament markat numru erbgha (4), formanti parti minn korp ta' bini maghruf bl-isem "Citadel Court", fi Triq Fortuanto Mizzi, Victoria, Ghawdex proprjeta' ta' l-istess intimat;

Illi l-esponenti qeghdin jipprocedu bir-rikors odjern sabiex il-kaz jigi ritrattat fuq il-motiv ta' qerq uzat bid-dikjarazzjoni falza maghmula mill-imsemmi Emanuel Cini u missieru Eucharistico Cini, illum mejjet, fix-xhieda taghhom, skond l-artikolu 42 tal-Kap 69.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bil-qima biex prevja r-revoka tas-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord tal-25 ta' Frar 1997 fir-Rikors numru 3/1994, tigi ordnata r-ritrattazzjoni ta' l-istess rikors, fuq il-motiv ta' qerq uzat bid-dikjarazzjoni falza maghmula mill-imsemmi Emanuel Cini u missieru Eucharistico Cini fix-xhieda taghhom,

skond l-artikolu 42 tal-kap 69, u tichad it-talba li kien ghamel Emanuel Cini ghar-ripresa ta’ l-istess fond.

Bl-ispejjez tal-istanzi kollha kontra Emanuel Cini.

L-imsemmi Emanuel Cini, l-intimat, irrisponda:

1. illi preliminarjament huwa m’huwiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant huwa ghandu jigi liberat mill-osservaza tal-gudizzju.

2. Illi fil-kaz odjern m’hemm lok ghall-ebda ritrattazzjoni u dana peress illi m’huwiex minnu li s-sentenza tal-Bord tal-Kera tal-25 ta’ Frar 1997 fir-rikors numru 3/1994 hija rizultat ta’ qerq uzat bid-dikjarazzjoni falza maghmula minn Emanuel Cini u missieru Eucharistico Cini;

3. Illi Eucharistico Cini miet fl-ghaxra (10) ta’ Gunju 1997 u wara l-mewt ta’ Eucharistico Cini kien sar ftehim bejn l-armla, Modesta Cini u uliedha, Emanuel u Charles Cini li kien immirat principalment sabiex it-tfal ikomplu bin-negozju, qabel gestit minn missierhom fis-socjeta’ “Caruana and Cini Limited” filwaqt li l-armla tiehu proprjeta’ immobbli ohra, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta’ l-istess rikors;

4. Illi ghalhekk ma kien hemm l-ebda qerq u dikjarazzjonijiet foloz, kif jippretendu r-rikorrenti.

5. Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta ulterjuri ta’ l-intimat fejn irrisponda:

1. illi fl-ewwel lok mhux konsentita r-ritrattazzjoni fil-kaz odjern, li jaqa’ taht il-provvedimenti specifici ta’ l-Art 11 tal-Kap 69. Dan jikkostitwixxi ligi specjali, li tidderoga mid-disposizzjonijiet generali ta’ l-artiklu 42 ta’ l-istess kap, billi tirrestringi r-rimedju f’kaz ta’ qerq ghall-multa massima ta’ mitejn lira, filwaqt li teskuldi r-rimedju tar-ritrattazzjoni.

2. Illi din l-azzjoni saret ferm wara t-tliet xhur moghtija skond id-disposizzjonijiet ta' Kap 12 - liema disposizzjonijiet il-gurisprudenza applikat ghall-Kap 69.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghall-premess, mhux ammissibbli li ssir kawza ta' ritrattazzjoni sena u tmien xhur wara li zzewweg l-intimat. Id-dekors ta' terminu tant twil bla ma r-rikorrenti hadu ebda azzjoni ma jfisser xejn ghajr li kien hemm da parti taghhom l-akkwijixxenza ghas-sentenza impunjanda.

Salvi risposti ohrajn fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Hadet konjizzjoni ta' l-atti tar-rikors numru 3/94 kompriz il-proceduri tieghu quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi.

Ikkunsidra:

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni tar-rikors deciz b'sentenza ta' dan il-Bord fil-25 ta' Frar 1997 u dan a bazi ta' l-Artikolu 42 tal-Kap 69. Dan l-Artikolu jipprovdi li "jekk jinsab li wahda mill-partijiet hadet decizjoni favorevoli mill-Bord minhabba dikjarazzjoni falza maghmula minnha, il-parti kuntrarja tista' taghmel talba lill-Bord ghas-smiegh mill-gdid tar-rikors u tista' ukoll tagixxi quddiem il-Qorti kompetenti ghad-danni u ghal-hlas ta' penali ta' mhux izjed minn mitejn lira kif tigi stabbilita mill-Qorti".

L-intimati ssollevaw diversi oggezzjonijiet ghal din it-talba li jistghu jigu raggruppati f'dawk ta' indoli preliminari li jimminaw l-azzjoni intrapriza mil-lat proceduri u dawk fuq il-meritu. F'dan l-istadju tal-kawza l-Bord hu koncernat f'dawk l-eccezzjonijiet li jistghu talvolta jestingwu l-azzjoni mil-lat procedurali. Dawn l-eccezzjonijiet huma s-segwenti:

1. li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur;

2. li mhix konsentita r-ritrattazzjoni fil-kaz odjern li jaqa' taht il-provvediemnti specifici ta' l-Artikolu 11 tal-Kap 69;

3. li l-azzjoni saret ferm wara t-tliet xhur moghtija skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 12.

Issa u ghall-fini ta' din is-sentenza hija l-ewwel minn dawn l-eccezzjonijiet li ghandha tigi vestita stante li l-Bord hu f'dan l-istadju marbut bil-verbal tieghu tat-22 ta' Mejju 2002 fejn halla l-kawza ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni, appuntu dik li huwa mhux il-legittimu kontradittur.

Illi mill-atti tar-rikors 3/94 jirrizulta li l-intimat odjern Emanuel Cini huwa l-aventi kawza ta' missieru Eucharistico billi kien akkwista l-fond mertu dawn il-proceduri b'donazzjoni minghand l-imsemmi missier b'kuntratt atti Nutar Dottor Paul George Pisani tas-16 ta' Ottubru 1995 u kien assuma l-atti ta' dak ir-rikors. Mill-banda l-ohra l-odjerni rikorrenti gia intimati fir-rikors precedenti kienu gew hemmhekk imharka "*per rapprezentationem"* li allura ma josta xejn li llum jiccitaw f'isimhom proprju. Issa, fil-kuntest ta' l-eccezzjoni sollevata dak li dan il-Bord irid jistabilixxi hu biss jekk il-aprtijeit fir-rikors li qed jigi attakkat humiex l-istess ta' dan l-odjern rikors. Dan qieghed jinghad stante illi huwa assodat gurisprudenzjalment li l-ligi tillimita r-rimedju ta' ritrattazzjoni ghall-partijiet li jkollhom interess u mhux ukoll ghal kull min ghandu interess li jfisser li "soltanto chi fu parte nel gudizio puo' proporret la domanda di revoazione delle sentenze pronunciate contro di esso; alle persone che vi rimasero estranee, la sentenza non giova e non nuoce .... per parte s'intende chi guridicament partecipo al giudizio, quindi non solo il titolare, anche se legalmente rappresentato ma altresi' gli eredi, i successori e gli aventi causa a titolo particolare" (Barbera - Dig. Ital. v. Revocazione delle Sentenze Civili n. 99 citat fis-sentenza riportata Vol XXXIV.i.294). isegwi ghalhekk illi r-rikors gie propost kif kellu jigi kontra l-allura rikorrenti li kien assuma l-atti f'dak ir-rikors ghaliex huwa dak ir-rikors li tieghu qieghed jintalab r-ritrazzjoni.

Tichad ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimat.

Spejjez riservati ghall-istadju iehor.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------